MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) (GURISDIZZJONI SUPERJURI) (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## MAGISTRAT DR. ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta ta' l-24 ta' Lulju, 2007

Citazzjoni Numru. 93/2001/1

Mary sive Miriam mart Joseph Bugeja

vs

Joseph Bugeja

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni tal-attrici li tghid:

Illi l-attrici zzewget lill-konvenut fl-Gharb, Ghawdex, fis-sitta u ghoxrin (26) ta’ Settembru elf disa mija u sebgha u tmenin (1987);

Illi miz-zwieg taghhom ghandhom zewg ulied u cioe’ Liliana li twieldet fil-hamsa (5) ta’ April elf disa mija u

tmienja u tmenin (1988) u Charlon li twieled fl-erbatax (14) ta’ Dicembru elf disa mija u erbgha u disghin (1994);

Illi l-hajja konjugali ta’ l-attrici ma’ zewgha l-konvenut giet resa impossibbli stante illi z-zwieg tkisser irrimedjabilment minhabba eccessi, mohqrija u vjolenzi;

Illi ghalhekk hemm lok ghall-pronunzjament tas-separazzjoni personali bejn il-kontendenti;

Illi l-attrici u zewgha l-konvenut gew awtorizzati mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Volontarja sabiex jipprocedu ghas-separazzjoni personali permezz ta’ digriet moghti fit-tmintax (18) ta’ Ottubru tas-sena elfejn u wiehed (2001) liema digriet igib in-numru 142/01;

Illi l-attrici tixtieq illi l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejnithom tigi likwidata u li jigu restitwiti lilha l-beni parafernali taghha;

Talbet ghaliex l-Qorti m’ghandhiex:
1. tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendeti minhabba r-ragunijiet hawn fuq imsemmija;
2. tafda f’idejn l-attrici l-kura u l-kustodja taz-zewg uliedha minuri Liliana u Charlon;
3. tiffissa r-retta alimentari pagabbli illi ghandha tigi prestata mill-konvenut lill-uliedhom minuri komuni u wkoll tiffissa r-retta alimentari li ghandha tigi prestata mill-konvenut lill-attrici;
4. tikkundanna lill-konvenut ihallas tali retta alimentari kif iffissata minn din l-Qorti;
5. tiddikjara illi l-partijiet iddekadew mid-drittijiet ta’ eredita’ reciproci;
6. tiddikjara xolta l-komunjoni ta’ l-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet, tillikwida l-istess u tqassamha bejn il-partijiet u dan wara li jigu identifikati l-beni parafernali appartenenti lill-attrici;
7. tapplika kontra l-konvenut interament jew in parti d-disposizzjonijiet tal-Artikolu tmienja u erbghain (48) sa wiehed u hamsin (51) tal-Kodici Civili.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata flimkien mal-lista tax-xhieda u l-lista ta' dokumenti;

Rat id-digriet ta' din il-Qorti diversament preseduta (folio 6) li inter alia awtorizzat l-proceduri odjerni;

Rat in-nota tal-eccezzjonjiet ta' Joseph Bugeja li eccepixxa:

1. li huwa jopponi bil-qawwa kollha l-allegazzjoni li huwa bi kwalunkwe mod hu responsabbli ghat-tkissir taz-zwieg ta' bejn il-kontendenti. Dan ghaliex iz-zwieg tkisser minhabba l-abbuzi serji u gravi ta' l-attrici fil-konfront tieghu u ta' uliedhu, kif sejjer jigi pruvat dettaljatament waqt is-smiegh tal-kawza;
2. li martu Mary Bugeja hija hatja ta' adulterju fil-konfront tieghu, ta' eccessi, mohqrija, sevizzi u ingurji ohra gravi, kif sejjer jigi ppruvat dettaljatament ukoll waqt is-smiegh tal-istess kawza u, ghall-ahjar interess taz-zewg ulied minuri tal-kontendenti, hija m'hiex il-persuna idoneja li tiehu hsiebhom u jkollha l-kustodja taghhom;
3. li ghalhekk, ghalkemm, il-konvenut jaqbel li hemm lok ghas-separazzjoni personali 'a mensa et thoro', l-istess ghandha tigi pronunzjata tort u htija tal-istess attrici u mhux tieghu.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tieghu flimkien mal-lista tax-xhieda;

Rat il-kontro-talba tal-istess konvenut li fiha stqarr:

1. illi l-konvenut irid jinqeda b'din ic-citazzjoni sabiex jqanqal l-kontro-citazzjoni tieghu relattiva ghall-istess separazzjoni mertu ta' dina l-kawza;
2. illi kif spiegat fic-citazzjoni, il-kontendenti zzewgu fis-sitta u ghoxrin (26) ta' Settembru elf disa mija u seba u tmenin (1987) u miz-zwieg bejnithom ghandhom zewgt titfal ulied igifieri Liliana ta' tlettax (13) il-sena u Charlon ta' sitt (6) snin;
3. illi l-hajja matrimonjali ta' bejnithom m'ghadhiex aktar possibbli u dana minhabba sevizzi, mohqrija u glied ipperpetrati mill-attrici fil-konfront tal-konvenut u dana ghad-dannu ta' l-istess konvenut u uliedhu kif ukoll ghar-

ragunijiet ohra gravi li wkoll jaghtu lok ghas-separazzjoni personali bejn il-kontendenti;
4. illi wkoll il-hajja matrimonjali m'ghadhiex aktar possibbli ghaliex iz-zwieg tkisser irrimedjabilment;
5. illi l-konvenut irid li tigi pronunzjata s-separazzjoni ta' bejnithom fil-waqt li tigi applikata fir-rigward ta' l-attrici il-komminazzjonijiet stabbiliti fl-Artikoli 48 sa 51 tal-Kodici Civili u li huwa jigi awtorizzat li jokkupa d-dar matrimonjali ad esklussjoni ta' martu.
Talab ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:
i. tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti u dan ghar-ragunijiet fuq imsemmija u ghar-ragunijiet l-ohra li jirrizultaw fil-kors tal-kawza;
ii. konsegwentement tiddikjra illi l-attrici iddekadiet mid-drittijiet taghha kif kontemplati fl-artikoli tmienja u erbghin (48) sa wiehed u hamsin (51) tal-Kodici Civili, Kap sittax (16) tal-Ligijiet ta' Malta;
iii. tordna l-kura u l-kustodja tal-istess minuri, Liliana u Charlon ahwa Bugeja, tigi fdata f'idejh ad esklussjoni tal-istess konvenuta u tiffissa access ghalihom mill-konvenuta taht dawk il-kundizzjonijiet u modalitajiet li l-istess Qorti joghgobha timponi ghar-rigward dana l-access u fl-interess suprem tal-istess zewg minuri;
iv. tawtorizza lill-konvenut sabiex ighix fid-dar matrimonjali ad esklussjoni tal-istess attrici;
v. tiddikjara xjolta l-kommunjoni tal-akkwisti gja esistenti bejn il-kontendenti;
vi. tillikwida l-istess kommunjoni u tiddividiha skond il-ligi dejjem salv dak li ntalab fuq bil-komminazzjonijiet applikabbli fil-konfront tal-attrici skond il-ligi u li jigu restitwit lilhu l-beni parafernali tieghu;

Bl-ispejjez inkluzi dawk quddiem il-Qorti fil-kompetenza taghha bhala Qorti ta' Gurisdizzjoni Volontarja u bl-ingunzjoni tal-istess attrici ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-attrici ghal kontro-talba tal-konvenut li biha eccepiet:
1. li topponi bil-qawwa kollha l-allegazzjoni li hija bi kwalunkwe mod responsabbli ghat-tkissir taz-zwieg bejn il-kontendenti illi ghalih kien responsabbli unikament il-

konvenut u dana kif sejjer jigi pruvat dettaljatament waqt is-smigh ta’ dina l-kawza;
2. li hija taqbel li hemm lok ghas-separazzjoni personali ‘a mensa et thoro’ pero’ l-istess ghandha tigi pronunzjata tort u htija tal-konvenut u mhux taghha;
3. li hija topponi bil-qawwa kollha illi l-kura u l-kustodja tal-minuri Lilian u Charlon ahwa Bugeja ghandha tigi fdata f’idejn il-konvenut kif ukoll illi l-istess konvenut ghandu jghix fid-dar matrimonjali ad esklussjoni taghha.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata flimkien mal-lista tax-xhieda.

Rat il-verbal taghha (folio 32) fejn irrimettiet l-atti lill-Assistant Gudizjarju sabiex jikkompila l-provi.

Ezaminat il-provi kollha;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:

Din il-kawza ta’ separazzjoni personali, istitwita mill-mara, akkwijexxenti r-ragel bil-kontro-talba tieghu, inbdiet erbatax il-sena miz-zwieg tal-kontendenti u ipprotrat ruhha unikament minhabba l-kwantita’ ta’ provi, b’kontro ezamijiet talvolta frivoli, u rikorsi insopportabbli. Tabilhaqq, pero’, kif ser jinghad aktar l’isfel f’dan il-gudikat, il-kawza preponderanti ghal-isfaxxjar taz-zwieg kienet l-inkompatibilita’ ta’ karattru tal-kontendenti li ghandhom ghalhekk jassumu r-responsabiltajiet f’proporzjon presoche’ ugwali ghat-tkissir taz-zwieg taghhom.

Issa fil-kaz in disamina huma sostanzjalment erba l-fatturi li jirrjikjedu l-attenzjoni tal-Qorti. Dawn huma:
- l-kawza sottostanti t-tkissir taz-zwieg;

- l-likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti salv li jigi determinat dak li hu beni parafernali;
- l-affidament u l-kustodja tat-tifel minuri Charlon stante li illum t-tifla Liliana akkwisit l-eta' maggjorenni.
- il-manteniment talvolta dovut lill-attrici.

Rigward l-ewwel fattur huwa bil-bosta istruttiv r-rapport tal-psikologa Mariella Blackman (esebit folio 1117) li bdiet tinvestiga l-kaz f'April 2000. Minghajr mezzi termini hi tadduci 'problemi ta' inkompatibilita' ta' karattru u problemi serji ta' komunikazzjoni' bhala kostitwenti l-bazi tal-problemi li finalment waslu ghas-sitwazzjoni odjerna. Tghid illi "l-intimita' hija problema ghalihom it-tnejn minhabba illi jaraw lil xulxin bhala tfixkil fil-hajja minflokk kumplimentari". Tispiega illi "iz-zwieg taghhom xejn ma kien wiehed felici minhabba inkompatibilita' totali tal-karattru differenti taghhom [u li] kellhom stennija (expectation) ta' dak li jridu minn xulxin differenti hafna [li] tat lok ghal hafna disgwid u glied bejn il-koppja…". Tistqarr illi l-istadju li l-koppja irriferew ghandha kien gja tard wisq billi ma kienux aktar jifilhu ghall-presenza ta' xulxin u ghalhekk kienet mankanti fihom dik id-determinazzjoni biex jibdlu l-agir taghhom versu xulxin.

Illi din l-opinjoni tal-psikologa hija kondiviza pjenament mill-Qorti wara li rat b'attenzjoni l-provi migbura in atti. Hija wkoll sostanzjalment koadjuvata mix-xhieda ta' Dun Anton Borg (ara folio 77 u 246), Peter Paul Portelli (folio 203 u 446) u partikolarment ta' Dun Manwel Cordina (folio 520) li ilkoll ghandhom esperjenza vasta f'dan il-qassam u ilkoll gew immiskjati fil-problemi maritali tal-kontendenti. Da parti taghhom il-kontendenti aktar issofermaw fuq l-aspetti negattivi tal-konjugi l-iehor, u dwar xi incidenti sporadici, li jekk talvolta rilevanti fil-kuntest tal-eccessi, mohqrija u sevizzi li bihom l-kontendenti reciprokament jakkuzaw lil xulxin, marginalment biss, jekk xejn, jinficju fuq il-kawza vera tat-tkissir irrimedjabbli taz-zwieg, cjoe' dik ta' l-inkompatibilita' tal-karattru u n-nuqqas serju

taghhom li jippruvaw jifhmu lil xulxin. Fatturi dawn li immanifestaw ruhom sa minn stadju bikri taz-zwieg.

Illi x-xhieda l-ohra hija rakkolta ta’ dak li l-kontendenti kienu jilmentaw maghhom, specjalment fejn tikkoncerna lill-attrici, u xejn altru ta’ verament sostanzjali. Li jista’ jissemma hu li anka minn stadju recenti ghaz-zwieg meta l-kontendenti kienu jghixu l-Gharb il-kopja li kienet tghix fil-fond kontigwu irrakontaw li kienu siekwit jisimmaw ghajjat u glied gej mill-fond li dak iz-zmien kien abitat mill-kontendenti li ghandu jinghad kien ghad ghandhom tarbija wahda li kienet ta eta zghira hafna u li fi kliem din il-koppja kienet soventi tibki minhabba l-ghajjat u l-glied kwazi kontinwu provenjenti mill-fond fejn kienu jghixu l-kontendenti.

Din il-Qorti ghalhekk mhux sejra tiddilunga aktar billi hi konvinta li l-kawza tat-tkissir taz-zwieg ghandha tigi akkollata fuq iz-zewg kontendenti f’misura wgwali u principalment, jekk mhux esklussivament, minhabba inkompatibilita’ ta’ karattru.

Ikkonsidrat:

Rigward it-tieni fattur, cjoe’ l-likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti, salv ghal dak li huma beni parafernali, jirrisulta: li bhala beni immobbli hemm id-dar numru 30, Triq il-Kunsil Civiku, Rabat; l-appartament numru 7C. ‘Triesti Flats’ Triq il-Qbajjar Maraslforn, u l-appartament numru 1, ‘Bella Vista’ Triq Ghar-Qawla, Marsalforn; li bhala beni mobbli hemm vettura tal-marka ‘Citroen’, dghajsa tal-marka ‘Ranieri’, ghodda u xi kontijiet bankarji intestati fuq il-konvenut mal-Bank of Valletta p.l.c. Bhala beni parafernali ma jidhirx li hemm kuntrast illi l-attrici kienet wirtet minghand xi zija taghha dar gewwa l-Gharb li kienet inbieghet ghal Lm8,000 (li qeghdha titlobhom lura) flimkien ma’ mejda kbira tan-nofs, friskatur u iehor ‘tal-mera’. Il-konvenut da parti tieghu jinsisti ghal bosta krediti

li jissemmew fin-nota tal-osservazzjonijiet tieghu li jivvaluta fis-somma ta’ Lm12,000.

Illi b’kull dovut rigward din il-Qorti mhiex tal-fehma li timxi bil-ponta u l-klamar dwar il-beni parafernali u hi l-fehma taghha li ghandhom jinnewtralizzaw lill-xulxin salv li l-attrici tiehu u jigu lilha restitwiti mill-konvenut  t-tlett bicciet ghamara, li jissemmew hawn fuq.

Illi dwar l-likwidazzjoni tal-beni immobbli u l-kontijiet bankarji l-Qorti qeghdha tiddecidi li l-konvenut jiehu l-fond tar-Rabat li qieghed jghix fih flimkien mal-minuri, izomm l-vettura u jzomm wkoll l-flus li hemm fil-kontijiet bankarji anka sabiex jaghmel tajjeb ghall-ammont li thallas lill-perit tekniku nominat biex jaghmel l-istimi tal-immobbli. L-attrici tiehu l-kumplament ossija iz-zewg appartament f’Marsalforn, id-dghajsa u l-ghodda

Ikkonsidrat:

Rigward it-tielet aspett, ossija l-affidament u l-kustodja tat-tifel minuri Charlon, li ghandu jinghad huwa dejjem ta’ applikazzjoni provizorja stante li jista’ talvolta u f’kull stadju futur sakemm jghalaq l-eta maggjorenni u fl-ahjar interess tieghu jinbidel, li l-kustodja tkun tal-missier kif inhi presentement u li ilha tipperdura ghal dawn l-ahhar diversi xhur b’daqstant illi l-attrici ikollha dritt ghall-access darbtejn fil-gimgha precisament kull nhar ta’erbgha u kull nhar ta’ sibt mill-erba sas-sitta ta’ wara nofs in-nhar liema access ghandu sakemm ma jigix mifthem diversament isir gewwa d-dar ta’ Kana b’eskluzjoni tal-konvenut izda jekk il-kaz fil-presenza ta’ ‘social worker’ skond kif tiddecidi l-istess ‘social worker’ fl-ahjar interess tal minuri u konsiderat l-esigenzi tal-omm u bl-isperanza li targa tinbena dik ir-rabta bejnha u binha li sfortunatament u minhabba ragunijiet xejn cari donnha giet illum kemmxejn nieqsa. Il-Qorti qeghdha ghal dan il-fini tikkonferma lis-

social worker li hi assenjata fil-present u fin-nuqqas thalli l-ghazla fid-decizjoni tad-Direttur ta' Kana salv ftheim bejn il-kontendenti.

Ikkonsidrat:

Li fir-rigward l-ahhar aspett li jikkoncerna dak tal-manteniment l-konvenut ghandu jghaddi lill-martu tenut in konsiderazzjoni l-paga li jippercepixxi attwalment is-somma ta' Lm175 fix-xahar dekorribbli mill-lum u paggabbli lill-attrici kull erba' gimghat mill-lum.

Ghalhekk qeghdha tiddisponi bil-kawza billi:

- fil-konfromt ic-citazzjoni tal-attrici: billi:

i. tilqa l-ewwel talba;

ii. tichad it-tieni salv ghall-access ghall-minuri Charlon kif fuq indikat;

iii. tilqa it-tielet talba billi tiffissa retta alimentari ghaliha fis-somma ta' Lm175 fix- xhar kif fuq inghad

iv. tilqa ir-raba talba billi tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici din is-somma kull erba' gimghat kif fuq inghad;

v. tilqa il-hames talba;

vi. tilqa s-sitt talba u tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti kif spiegat hawn fuq b'daqstant li tiddikjara bhala beni parafernali taghha l-mobilja li tissemma aktar l-fuq u tikkundanna lill-konvenut li jirrestitwixxi lill-attrici stante li din tinsab fil-fond tar-Rabat;

vii. tichad it-tmien talba.

- fil-konfront il-kontro-talba tal-konvenut billi:

i. tilqa l-ewwel talba;;

ii. tichad it-tieni;

iii. tilqa it-tielet fil-konfront tal-minuri Charlon Bugeja waqt li tastjeni fil-konfront tal-bint Liliana stante li illum hi ta' eta maggjorenni b'dan li tiffissa l-access ghall-istess

minuri Charlon minn ommu kif fuq intqal u bil-modalitajiet kif wkoll spegati hawn fuq;

iv. tastjeni milli tiehu konjizzjoni tas-sitt talba stante illi d-dar in meritu giet assenjata lill-konvenut bhala likwidazzjoni ta' sehmu mill-komunjoni tal-akkwisti;

v. tilqa il-hames talba u tirreferi ghall-likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti kif ordnata akat il-fuq;

vi. tilqa is-sitt talba sakemm tirreferi ghall-likwidazzjoni u divizjoni tal-komunjoni tal-akkwisti u tichadha mill-bqija;

Fl-ahharnett tordna li l-ispejjez minhabba fic-cirkostanzi jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------